MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Numru. 622/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**Paul Vella**
**Jason Vella**
**Johann Spiteri**

Kumpilazzjoni Numru 622/2008

**Illum 6 ta' Gunju 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmija

Paul Vella, ta' 48 sena iben John u Michelina nee Magro imwieled Naxxar nhar it-13 ta' Awissu 1960 u residenti Ta'

Bendu Farmhouse ix-Xwieki limiti tal-Gharghur u detentur ta' karta ta' identita b'numru 577860M;

Jason Vella ta' 35 sena iben Gemma Vella imwieled Rabat Ghawdex fit-13 ta' Novembru 1972 u residenti Casa Camilleri Triq l-Ghasafar Hamrun detentur ta' karta ta' identita b'numru 27272G;

Johann Spiteri ta' 28 sena iben Albert u Helen nee Falzon imwieled Pieta nhar id-29 ta' Awissu 1980 u residenti Albhel Numru 3 Triq Bazzaru Birkirkara u detentur ta' karta ta' identita b'numru 414680M;

Akkuzati:

1. Talli f'l-14 ta' Lulju, 2008, filghodu, fil-Belt Valletta quddiem Kastilja, ffurmaw f' gemgha ta' tlett persuni jew aktar jew baqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b'mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort' ohra, li setghu jgibu twerwir u biza' fost in-nies f'Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn hadd in partikulari, u li l-istess reat li kien mahsub fil-fatt sar**;**

3. Talli f'l-istess data, lok, hin u cirkostanzi ffurmaw f'parti minn gemgha ta' tnax il-persuna jew aktar, migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika wara li gew formalment imwissija jew mitlubu minn awtorita' kompetenti biex jixxerredu u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi, f'numru ta' tnax jew aktar, ghal zmien siegha wara li kienet giet maghmula dik it-twissija pubblika**;**

4. Talli f'l-istess data lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew hebb ta' xort' ohra li ma jitqies vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li tkun qed

tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni mghoti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti; u

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhx jew fixkluh waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jsita' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun.

U lil Johann Spiteri wahdu

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq PC1038 Carmelo Azzopardi persuna inkarigata minn servizz pubbliku.

Rat l-artikoli 68(2), 79, 80, 96(a), 221, 222 u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-

imputati, l-kooperazzjoni taghom aml-pulizija f'l-istadju ta' l-investigazzjoni tar-reati de quo, u l-fedina penali taghhom li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi wahda allarmanti zzejjed.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Wara li rat l-artikoli 68(2), 79, 80, 96(a), u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati Paul Vella u Jason Vella hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom tmintax il-xahar (18) prigunerija liema perjodu ta' prigunerija b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigi sospiez ghal perjodu ta' tlett (3) snin u multa ta' erbgha mitt Euro (€400) li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur.

Wara li rat l-artikoli 68(2), 79, 80, 96(a), 221, 222 u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Johann Spiteri hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghoxrin (20) xahar liema perjodu ta' prigunerija b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigi sospiez ghal perjodu ta' tlett (3) snin u multa ta' erbgha mitt Euro (€400) li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------